**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. IMHALLEF DR. CONSUELO SCERRI HERRERA LL.D.**

Att Ta' Akkuza Numru: 9/2008

Ir-Repubblika Ta' Malta

Vs

Anthony Bugeja

Piero Di Bartolo

Illum, 23 ta Settembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza Nru. 9 tas-sena 2008 migjub fil-konfront ta' Anthony Bugeja detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 479367(M) u Piero Di Bartolo detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 19028A fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta:

Illi fl-ghaxra (10) ta' Ottubru, tal-elfejn u hamsa (2005) f'xi hin filghodu, Anthony Bugeja cempel lil Albert Brian Rosso biex jmur hdejn d-dar tieghu Marsaxlokk, fejn kien hemm ukoll Piero Di Bartolo, biex jiddiskutu xi problemi li kellhom dwar in-negozju li kellhom dwar l-iskuna tas-sajd Desiree li kienet proprieta ta' Rosso u Bugeja u li fuqha kien jahdem Di Bartolo. Illi d-diskussjoni marret hazin u f'mument minnhom Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo iddecidew li jsolvu l-problema billi joqtlu lil

Albert Brian Rosso. Illi Anthony Bugeja mar gab arma tan-nar u spara diversi tiri lejn Rosso bil-hsieb li joqtlu jew li jqieghedlu hajtu f'periklu car, u dana fil-presenza u bi ftehim ma' Piero Di Bartolo. Illi fil-fatt, konsegwenza ta' dan l-agir Albert Brian Rosso miet.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo saru hatja t'omicidju volontarju u cioe talli dolozament bil-hsieb li joqtlu persuna jew li jqieghedu il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo hatja ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew li jqieghedu l-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomorhom skond dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 211(l)(2), u 533 tal -Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal Akkuza u cioe` fl-10 ta' Ottubru 2005, Marsaxlokk filghodu, Anthony Bugeja fil-presenza u bi ftehim ma' Piero Di Bartolo spara arma tan-nar illegalment u qatel lil Albert Brian Rosso.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo saru hatja talli fil-hin li ghamlu delitt kontra l-persuna kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma tan-nar u arma regolari u dan ghal ebda ghan legittimu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo hatja talli fil-hin li ghamlu delitt kontra l-persuna kellhom fuq il-persuna taghhom arma tan-nar u arma regolari; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 26(a), 19 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) u fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall-kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta:

Illi fl-10 (ghaxra) ta' Ottubru, tal-elfejn u hamsa (2005) f'xi hin filghodu, Anthony Bugeja cempel lil Albert Brian Rosso biex jmur hdejn d-dar tieghu Marsaxlokk, fejn kien hemm ukoll Piero Di Bartolo, biex jiddiskutu xi problemi li kellhom dwar in-negozju li kellhom dwar l-iskuna tas-sajd Desiree li kienet proprjeta` ta' Rosso u Bugeja u li fuqha kien jahdem Di Bartolo. Illi d-diskussjoni marret hazin u f'mument minnhom Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo iddecidew li jsolvu l-problema billi joqtlu lil Albert Brian Rosso. Illi Anthony Bugeja mar gab arma tan-nar u spara diversi tiri lejn Rosso bil-hsieb li joqtlu jew li jqieghedlu hajtu f'periklu car, u dana fil-presenza u bi ftehim ma' Piero Di Bartolo. Illi fil-fatt, konsegwenza ta' dan l-agir Albert Brian Rosso miet. Illi malli miet, huma dahhlu l-katavru go xkora u haduh hdejn luzzu li fuqhu ghabbew xi knatan li rabtu mal-katavru u hargu il-barra fuq il-bahar hdejn il-Freeport Marsaxlokk, fejn irmew il-gisem mejjet ta' Albert Brian Rosso u dan bl-intenzjoni li jahbu id-delitt ta' omicidju.

Illi b' ghemilhom huma saru hatja talli xjentement hbew il-katavru ta' presuna li mietet b'delitt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo hatja talli xjentement hbew l-katavru ta' persuna li mietet b'delitt; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien minn erba' xhur sa sitt xhur skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 239 u 533 tal -Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

Rat ir-rikors ta' l-akkuzati Bugeja u Dr Bartolo prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Marzu, 2017[1] fejn in segwitu ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Samuel Onyeabor** deciza fl-1 ta' Settembru 2016 u anke a bazi tas-sentenza **Borg vs Malta** deciza mill-ECHR nhar it-12 ta' Jannar, 2016, l-esponenti a tenur u bis-sahha tal-proviso tal-artikolu 449 tal-Kodici Kriminali jitolbu bir-rispett li huma jgibu l-quddiem eccezzjoni ulterjuri a tenur tal-artikolu 449(1) (g) u l-artikolu 438 (2) (1) tal-Kodici Kriminali u dana in kwantu l-inammissibilita tal-verzjonijiet kollha moghtija mill-esponenti tul l-investigazzjoni ta' dan il-kaz u dana stante li tali stqarrijiet meta saru bil-mod kif saru saru bi ksur ta l-artikolu 6 (3) ( c) moqri flimkien mal-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghalhekk talbu bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza li titressaq 'l quddiem din l-eccezzjoni ulterjuri dwar l-inammissibilita ta' provi u (2) fl-eventwalita li tigi hekk permessa li l-istqarrijiet kollha inkluzi dawk miktuba u dawk verbali rilaxxjati miz-zewg akkuzati kemm lill-

[1] Fol. 293

membri tal-korp tal-pulizija u/jew esperti tal-Qorti u/jew deposizzjonijiet lil Magistrat li mexxiet l-in genere tal-esponenti akkuzati jigu kollha dikjarati bhala provi inammissibbli stante vjolazzjoni tal-artikolu 6 (3) ( c) moqri flimkien ma l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali fejn stqarr li l-akkuzati rikorrenti kienu qed jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara bhala inammissibli l-istqarrijiet kollha rilaxxjati mill-akkuzati kemm lil Membri tal-korp tal-pulizija u/jew esperti tal-Qorti u/jew deposizzjonijiet lil Magistrat li mexxiet l-ingenere fejn oggezzjona ghal din it-talba. Inghad pero li f'dan ir-rikors tar-rikorrenti, ir-rikorrenti ghandhom l-ewwel jinghataw il-fakolta li jipprezentaw l-eccezzjoni ulterjuri taghhom ai fini ta' l-artikolu 449 (1) (g) u 438(2) (1) tal-Kodici Kriminali qabel ma l-kwistjoni dwar l-inammissibilita o meno tal-istqarrijiet verbali u skritti tal-akkuzati tigi trattata.

Ghalhekk dak li l-Avukat Generali stqarr fir-risposta tieghu dwar -inammissibilita o meno ta' tali stqarrijiet ghandu fil-present ma jinghatax widna u dan ghaliex l-eccezzjoni proprja tal-akkuzati f'dan ir-rigward ghadha ma gietx prezentata.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2017 fejn gie dikjarat li l-kawza fl-ismijiet **<u>Republika ta' Malta vs Rio Micallef et</u>**[2] kienet ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell ( Sede Superjuri) u din kienet titratta kwistjoni simili bhal din odjerna l-partijiet talbu li din il-Qorti ma tghatix is-sentenza taghha u iddiferiet il-kawza ghal data ohra.

---

[2] Illum deciza nhar id-9 ta' April 2019 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

Rat illi fis-seduta sussegwenti u cioe dik tas-16 ta' Lulju 2018, il-partijiet talbu lil din il-Qorti sabiex sakemm ikun hemm ezitu finali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Republika ta' Malta vs Rio Micalef et</u>** din il-Qorti ma tghatix id-digriet taghha fuq it-talba rikorrenti.

Illi nhar is-6 ta' Mejju 2021, ir-rikorrenti talab li jipprezenta nota ta' riferenzi in sostern tat-talba tieghu u l-Qorti laqghet it-talba purche din issir bil-visto tal-kontro parti.

Rat in-nota tar-referenza tar-rikorrenti prezentata fl-atti nhar l-1 ta' Gunju 2021 fejn fiha ghamel referenza ghal diversi sentenzi li laqghu it-talba tar-rikorrenti biex l-istqarrija tal-akkuzat tigi sfilzata mill-atti processwali jew li tigi dikjarata bhala prova inammissibli una volta din tkun inghatat mhux fil-presenza tal-avukat tal-parti.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezenta fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Lulju 2021 fejn huwa wiegeb ghal tali nota ta' referenza tar-rikorrenti billi iccita diversi sentenzi moghtija mill-Qrati domestici u mill-Qorti Ewropeja tad-Drittiijet tal-Bniedem fejn it-talba ghall-isfilz tal-istqarrijiet verbali u skritti tal-akkuzati tigi dikjarata bhala prova inammissibli. F'dawn iz-zewg noti pero hadd mil-partijiet ma trattaw il-kwistjoni ta' jekk din l-Onorabbli Qorti ghandhiex tilqa it-talba promotur tar-rikorrenti li jithalla jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri. Jidher li l-partijiet gja ittrattaw din l-eccezzjoni li r-rikorrenti bi hsiebu iressaq. Din il-Qorti pero ma tistax taqbez dan l-istadju u cioe li tiddegreta jekk tali eccezzjoni ultejuri f' dan l-istadju tistax tigi prezentata qabel ma tghaddi biex titratta il-kwistjoni dwar jekk l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet maghmula mill-akkuzati rikorrenti fl-assenza tal-avukat difensur taghhom ghandhom jigu dikjarati bhal provi inammissibli. Din il-Qorti kienet

tippretendi li xi hadd mill-partijiet almenu jghamel referenza ghal xi kazistika f'dan ir-rigward, pero jidher li tali materja sfuggiet liz-zewg partijiet u dan minkejja li l-partijiet talbu li jkun hemm differiment sabiex ikun hemm ezitu finali fuq is-sentenza fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs Rio Micallef et** li titratta dwar l-istess kwisjtoni illum pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat:

Ghalhekk din hija sentenza li ser tinghata **limitatament** dwar jekk ir-rikorrenti jistghux jipprezentaw eccezzjoni ulterjuri fejn ser jitolbu li l-istqarijiet tal-akkuzati u d-dikjarazzjonijiet maghmula minnhom qabel ma inghataw id-dritt li jkunu assistiti minn avukat difensur ghandhom jigu dikjarati bhala provi inammissibli u konsegwentement ghandhom jigu skartati.

Ir-rikorrenti qed jibbazaw l-lanjanza taghhom a bazi tal-artikolu 438 (2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li l-akkuzat ghandu, permezz ta' nota pprezentata fir-registru tal-Qorti mhux aktar tard minn hmistax-il jum tax-xoghol mid-data tan-notifika tal-att tal-akkuza, jaghti avviz dwar l-eccezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449 u kull eccezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-provi li jkollu hsieb li jaghti.

L-**artikolu 449 (1)** fil-provizo tieghu imbaghad jipprovdi hekk:

449 (1) …../…..

Izda l-qorti tista tawtorizza li jinghataw dawk l-eccezzjonijiet ghal raguni li tkun inqalghet wara z-zmien li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) ghandha tigiipprezentata fir-registru tal-Qorti.

llli l-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede Superjuri), kellha diga' okkazzjoni tesprimi ruhha fuq dan il-punt ta' dritt fis-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs Carmel Camilleri**[3] fejn fid-dawl tal-linja gwida moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kienet tal-fehma illi tali stqarrijiet rilaxxjati mill-persuna akkuzata minghajr ma din kellha l-okkazzjoni li tikseb l-assistenza minn ghand l-avukat tal-fiducja taghha ma kellhiex valur probatorju billi jkun ferm perikoluz ghal Qorti li tistrieh fuqha sabiex issib xi htija fil-persuna akkuzata li tkun inkriminat ruhha minghajr ma kellha difiza adegwata u allura ikun hemm ir-riskju ta' lezjoni tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq[4].

Illi din kienet ukoll il-fehma tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabo**[5]:

> *"While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a*

---

[3] Att ta' Akkuza 18/08 deciza l-1 ta Gunju 2021

[4] **Il-Pulizija vs Anthony Cremona** deciza nhar l-14 ta' frar 2014 Appel Numru 302/18., **Pol vs Arnold Farrugia** deciz 17 ta' Jannar 2019 Appell Numru 32/2018; **il-Pulizija vs Shannon Cauchi** deciz 15 ta' Jannar, 2019 Appell numru 301/18; **Il-Pulizija vs Nicholas Dimech** deciz 15 ta' Jannar 2019 Appell numru 333/2018; **Il-Pulizija vs Carmel Polidano** deciz 5 ta' Frar 2019 Appell numru 348/2018; **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** fl-20 ta' Novembru, 2018 Appell Numru: 259/2018.

[5] Deciza nhar l-1 ta' Dicembru 2016

*result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement."*

Illum il-legislatur irregola din il-kwistjoni darba ghal dejjem, ukoll sabiex jigi in linja mal-ligi komunitarja fir-rigward, u dan meta bl-Att LI tal-2016 sehhet it-traspozizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta'Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' Arrest Ewropew, u dwar id-dritt li terza persuna tkun infurmata dwar it-tiċħid ta' libertà u li persuna tikkomunika ma' terzi persuni u mal-awtoritajiet konsulari waqt li tkun imċaħħda mil-libertà, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Novembru 2013 (L 294/l).

Jinghad ukoll li insegwitu u ghat-trasposizjoni ta' din id-Direttiva l-Ministru tal-Gustizzju hareg avviz legali 102/2017 in forza ta' poteri moghtija lilu bl-Artikolu 355AUA(8)(c) tal-Kap 9 fejn ipprovda sistema ta' kif ghandhom isiru l-interrogatorji ta' suspettati u nies akkuzati liema avviz legali ma giex kunsidrat fis-sentenzi precedenti ta' din il-Qorti fir-rigward tal-kaz odjern.

llli ghalhekk l-ligi kif illum emendata tirrifletti din is-salvagwardja u ukoll hija in linja mad-dritt ewropew kif inghad. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tinjora mhux biss principju ormai stabbilit mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika mhux biss tul l-iter tal-proceduri penali fil-qorti, izda ukoll ghal hekk imsejjah pre-trial stage u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi

interrogata, izda trid tara illi timxi in konformita tal-ligi mhux biss ewropeja izda ukoll lokali li illum tirregola din il-materja.

Fis-sentenza proprju citata mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu fl-ismijiet **<u>Borg vs Malta</u>**[6] inghad li :-

> *"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.*
>
> *The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."*

---

6

Il-Qorti iddecidiet illi l-fatt wahdu illi l-ligi domestika ma kienitx tipprevedi d-dritt ghall-assistenza legali meta l-persuna suspettata kienet tinsab fil-kustodja tal-pulizija hija bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6:

> *"60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, 24 October 2013; Brusco v. France, October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory rovisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*
>
> *61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law.*
>
> *In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police 19 interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56). 63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

Illi gie deciz illi l-qrati ma kellhomx jaghtu interpretazzjoni stretta tad-decizjoni **Salduz vs Turkey** kif sehh fil-kaz ta' **Charles Steven Muscat** fost ohrajn. L-Imhallef Pinto De Albuquerque4 ighid hekk fl-opinjoni tieghu:

*"the interpretation of Salduz by the Constitutional Court of Malta is in breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". …. Be that as it may, in the light of the repetitive findings of violations of Article 6 § 3 (c) of the Convention by this Court, the Maltese Constitutional Court should correct its trajectory and return to its initial Convention-friendly interpretation of Salduz."*

Illi l-Avukat Generali isostni li l-istqarriji li gew gew rilaxxjati mill-akkuzati skond il-ligi in vigore ta' dak iz-zmien meta id-dritt tal-assitenza ta' avukat ma kienx ghadu parti mill-ligi statutorja tal-pajjiz domestiku. Dan mhux kontestat pero' id-drittijiet li ghandhom jinghataw lill-indagat kif imfissra fil-Letter of Rights li illum tinsab assodata fil-kodici penali nostran fl-artikolu 534AB tal-Kap 9 jipprovdu aktar minnhekk. L-indagat kellu jinghata drittijiet kardinali fosthom id-dritt tas-silenzu, id-dritt ta'

disclosure, id-dritt ta' assitenza legali tul il-process kriminali kollu inkluz dak waqt il-pre-trial. Evidentement dawn id-drittijiet fundamentali ma inghatawx lir-rikorrenti stante li ma kienux jifformaw parti mill-ligijiet statutorji tal-pajjiz meta gew rilaxxjati l-istqarijiet u dan b'eccezzjoni ghad-dritt ta' silenzju li gja kien jifforma parti mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali jipprovdi is-segwenti dwar id-dritt tal-akkuzat u dan gie introdott bl-Att LI tas-sena 2016 u ghalhekk zgur li ma kienx fil-ligi statutorja meta gew rilaxxjati l-istqarrijiet tar-rikorrenti cioe:-

(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.

(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:

(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;

(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);

(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;

(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.

Illi din il-Qorti f'dan l-istadju ma gietx imsejha sabiex tghid jekk l-istqarriji u dikjarazzjonijiet rilaxxjati mir-rikorrenti hiex ammissibli jew le minkejja li l-partijiet tratttaw din il-materja fl-atti taghhom IZDA limitatament jekk ir-rikorrenti jistax jinghata l-fakolta li jipprezenta eccezzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward.

Illi skond l-proviso ta' l-artikolu 449 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tista tawtorizza li jinghataw dawk l-eccezzjonijiet ghal raguni li tkun inqalghet wara z-zmien li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) ghandha tigi ipprezentata fir-registru tal-qorti. Illi ma hemmx dubbju li tali eccezzjoni li r-rikorrenti iridu iresqu twieldet wara z-zmien moghti lilhom ghall-prezentata tal-eccezzjonijet taghhom u dan ghaliex meta huma gew notifikati bl-Att ta' Akkuza tali dritt ta' assistenza legali kien ghadu mhux parti mill-ligi domestika u ghalhekk in vista ta' dak kollu li intqal supra din il-Qorit ser tilqa it-talba rikorrenti.

Illi fil-kwadru fuq imsemmi, din il-Qorti qed tilqa' it-talba tar-rikorrenti sabiex jipprezentaw l-eccezzjoni ulterjuri taghhom u dan bla pregudizzju ghall-mertu ta' l-istess eccezzjoni u li ghad trid tigi deciza b'sentenza ghaliha.

Din il-Qorti ma hiex ser tidhol u tiddiskuti n-natura tal-eccezzjoni li ghad trid tigi prezentata u dan ghaliex ser tistenna biex tara jekk l-Avukat Generali hux ser jintavola appell minn din l-istess sentenza moghtija illum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Nadia Ciappara
Deputat Registratur